# Eżami tal-*Warrant* ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju, 2014**

**9.00 a.m. – 12. 00 p.m.**

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha fl-ilsien Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' xi kandidat bi ħtiġijiet speċjali, l-ħin mogħti biex twieġeb kemm parti A u kif ukoll parti B ikun ta' tliet sigħat)**

**Parti A**

**Wieġeb għal <u>tlieta</u> (3) biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti ġudizzjarji kif hawn taħt mitlub:**

1. L-att meħtieġ għal tweġiba b'rikonvenzjoni għal Rikors Maħluf kontra l-klijent tiegħek għal danni wara ħabta bejn vetturi.

2. (a) L-att ġudizzjarju meħtieġ għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq biex jinkiseb titolu eżekuttiv skond l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) l-att ġudizzjarju meħtieġ biex min wiegħed li jbiegħ immobbli lill-klijent tiegħek jissejjaħ ħalli jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

3. L-att meħtieġ biex jitressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali f'isem il-kwerelant wara li sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħelset lill-kwerelat mill-imputazzjoni ta' malafama għax sabet li l-azzjoni kienet waqgħet bil-preskrizzjoni.

4. L-att ġudizzjarju meħtieġ għal kawża ta' firda personali, ħlas ta' manteniment u żamma ta' kustodja ta' wild minuri minħabba li żewġ il-klijenta tiegħek telaqha bla raġuni tajba u beda relazzjoni ma' ħaddieħor.

5. L-att ġudizzjarju meħtieġ biex wieħed jappella minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali wara li dan qatagħha li l-kumpannija klijenta tiegħek

kienet keċċiet mill-impieg waħda mill-impjegati mhux għal raġuni tajba u sufficjenti.

6. (a) L-att ġudizzjarju meħtieġ biex jintalab il-ftuħ ta' suċċessjoni ta' persuna li mietet mingħajr ma ħalliet testment; u (b) l-att meħtieġ quddiem il-Qorti kompetenti biex jintalab il-ftuħ ta' testment sigriet.

**Parti B**

**Wieġeb għal <u>waħda</u> (1) biss minn din it-taqsima.**

1. X'jgħid il-Kodiċi ta' Etika u Mġiba għallAvukati dwar avukat li jxandar il-prattika professjonali tiegħu fil-*media*? Safejn jista' jsir dan, u x'sehem għandha l-Kamra tal-Avukati f'ċirkostanzi bħal dawn?

2. X'imissu jagħmel avukat malli jissuspetta li klijent tiegħu qiegħed jinqeda bil-pariri u s-servizzi legali tiegħu għal attivita' illegali?

3. Semmi u fisser fil-qosor l-erba' Prinċipji Ġenerali taħt l-ewwel taqsima tal-Kodiċi ta' Etika u Mġiba għall-Avukati dwar kif imissu jġib ruħu avukat.